MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2008

Numru. 405/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Mohammed Suleiman Abubaker**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Mohammed Suleiman Abubaker ta' 23 sena iben Mohammed Suleiman u Hadiga Ibrahim, mwieled Gnejna Sudan fl-1 ta' Jannar 1983 u residenti Hal Far Open Centre, ID 45627A.**

**Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u 25 ta' Ottubru 2008 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data biex jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi skur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Ukoll talli kkommetta reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Ottubru 2008, il-fedina penali ta' l-imputat u l-istqarrija maghmula minnu, liema stqarrija tidher a fol 7.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Rat li fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2008, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh. Wara li nghata hin xieraq biex jahsibha, huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu. Stante l-ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonjiet u l-aggravju gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a) 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 22 (1) (b) u 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll il-Proviso dwar id-distanza li jidher taht l-Artikolu 22 (2) (b) (i) u (ii) bhala t-Tieni Proviso, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet (a) u (b) u ta' l-aggravju li hu mmarkat bhala (c). Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa, li kkopera bis-shih mal-pulizija u li sahansitra huwa ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal daqstant qed tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull jum li huwa ghadda taht arrest preventiv, kif wkoll biex ihallas multa ta' 467 Euro, li tista tithallas b'rati ta' 50 Euro kull xahar,**

**bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa.  Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, allura kull 11.65 Euro jinbidlu f'jum prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------